# Għaliex Domna...

*MILL-EDITUR*

*Domna ma ħrigna, domna ħafna ġewwa u tgħidx kemm iddejjaqna magħluqin. Imma ż-żmenijiet ħżiena wisq. Il-karta għolja, u l-imseħbîn mhux kollha jħallsu fil-waqt. Il-flus jagħmlu l-qalb għax, saħħa titħabat, tikteb u la titħallas u lanqas tħallas lil min jiktiblek għax ma għandekx mnejn, imma għall-anqas irid ikollok moħħok mistrieħ li għandek biex tħallas il-ħarġa. U kien ikollna mnejn inħallsu kieku kull imsieħeb joħroġ sehmu. Ftit ma' ftit jagħmlu ħafna. Imma sakemm jibqa' mseħbin li jaħsbu li din ir-rivista, li għenaha aktar minn għoxrin sena ħajja, tinbet waħedha bħal ħaxix ta' fuq il-blat, ma nistgħu inħossuna żguri li ser ikollna biex inħallsu l-istampatur. Għalhekk, jekk int wieħed minn dawk li għadhom ma ħallsux, agħmel dmirek u ibgħat il-flus li għandek tagħti lit-Teżorier, Leħen il-Malti, Università. Għin ruħek biex tgħin lilna. Kif tista' tara minn din il-ħarġa, qed nagħtuk kitba li tiswa mitqilha deheb. Jekk tmut il-letteratura minn Malta x'jibqa' biex juri li aħna ċivilizzati? Il-Pulitika wil-ġurnaliżmu pulitiku biss......*

*Leħen il-Malti ilu ħaj fuq l-għoxrin sena u aħna għalkemm ma aħniex ferħanin bil-faqar tal-kaxxa tagħna għandna tama qawwija li negħilbu ż-żmien ikreħ li barra minn Malta qatel rivisti letterarji kbar li ħallew warajhom battal li ma jimteliex malajr.*

*Għalik, mela, qarrej. Ibgħat it-tisħib tiegħek u ġibilna mseħbin ġodda mill-aktar fis.*

*Issa aqbad u aqra u tara kemm f'dan in-numru għażilnielek kitba li ma tagħmelx għajb lill-art li tatek Twelid u Lsien biex tagħżlek bħala Malti fost il-popli l-oħra kollha.*